MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 298/2007

**Direttur tal-Kummerc**

**vs**

**Alain Mangion**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Nhar it-Tnejn 18 ta` Gunju, 2001 fil-kaz fuq citat inghatat sentenza fejn il-konvenut Alain Mangion gie ikkundannat ihallas lill-attur elf, tLIET mija u hamsa u sebghin lira (Lm1375) bl-imghax minn meta kienet prezentata c-citazzjoni, flimkien ma` l-ispejjez gudizzjarji kollha.

L-esponent qieghed jikkonferma bil-gurament illi l-ammont ta` tliet mija u hamsa u sebghin lira (Lm1375) dovut bhala

penali talli l-konvenut m`onorax il-kuntratt ma` l-esponent, kif ukoll l-imghaxijiet u spejjez gudizzjarji relattivi, ghadhom ma thallsux.

Ghaldaqstant, stante li ghaddew aktar minn hames snin mill-ezekuzzjoni tas-sentenza, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrendi ri-ezegwibbli t-titolu ezekuttiv akkwistat mill-esponent permezz tas-sentenza fuq citata.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat Alain Mangion baqa` ma pprezenta ebda risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------